OASI Foundation

PREVENTION, INTERVENTION, TREATMENT & REHABILITATION SERVICES

Għeziez ħbieb,

Grazzi kbira talli ġejtu tissapportjaw l-attività tal-OASI Cup Run and Fun Walk, kif ukoll il-ħsieb warajha.

Din il-ġimgħa ġiet waħda mit-terapisti u qaltli; 'Ġew omm u missier persuna li għamel użu mit-terapija li noffru, u tgħidx kemm bkew u ferħu, u ma setgħux jieqfu jirringrazzaw lill-OASI talli erġajna tajniehom lura t-tifel li kellhom u li kienu tilfu minħabba l-użu tas-sustanzi.' Kulħadd għandu l-isfidi tiegħu fil-ġirja ta' ħajtu. L-OASI torganizza din l-attività għall-diversi raġunijiet, fosthom;

- Biex tippromwovi ħajja sana – l-isport huwa għodda eċċellenti għal dan.
- Biex isostni l-ħidma ta' prevenzjoni kontra l-addiction, li hi parti kruċjali mill-missjoni tal-Fondazzjoni.

Mhux ser intawwal, imma xtaqt inħallikom b'dan il-messaġġ – Waqt li nifhem ir-regoli tat-tiġrijiet; kemm ħaqqu premju akbar dak li għeleb l-biża' li jibda l-ġirja u li għamilha minkejja il-qtugħ ta' qalb. Aħna niltaqgħu ma stejjer mimlijin biża u qtugħ ta' qalb kuljum.

Kemm hu isbaħ u ta' sodisfazzjon akbar li minflok nikkompetu bejnietna u naslu għal konklużjoni min hu l-aqwa, nikkompetu magħna nfusna b'mod individwali biex kull wieħed u waħda minna, inkunu aħjar mill-bieraħ, u fl-istess waqt nagħmlu kuraġġ u ngħinu lil ħaddieħor isir aħjar.

Nagħlaq billi nirringrazzja li dawk kollha li għenu biex tittella' din l-attività; Transport Malta, Il-Pulizija, L-Onor Camilleri u l-ministeru għal Għawdex li għina biex intaffu ftit mill-ispejjeż. Nirringrazzja bis-sħiħ lill-Victoria Scouts Group u għal ewwel darba lill-Victoria Girl Guides, li jgħinuna b'mod volontarju. Qed jagħmlu xogħol fejjiedi ferm mat-tfal tagħna, u forsi mingħajr ma jafu, qed ikomplu jwettqu l-missjoni tal-Fondazzjoni. Nirringrazzja lil Athletix Gozo u lil TriGozo li din is-sena, b'mod uffiċjali; issapportjaw din l-attività. Nirringrazzja ukoll lill-voluntiera u lill-istaff tal-Fondazzjoni, b'mod speċjali lil Carrie u lil Sara li bl-għajnuna ta' Marisa, ta' Clare u ta' Joelynne, organizzaw din l- attività.

Grazzi mill-qalb,

Noel Xerri
Kap Eżekuttiv – Fondazzjoni OASI
2 t'Ottubru, 2022